32004D0410

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2004

li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali dwar l-importazzjoni ta' ċerti annimali minn Saint Pierre u Miquelon u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/524/KEE

(notifikata permezz ta' dokument numru K(2003) 1548)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(2004/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tal-ispezzjoni tas-saħħa u veterinarji mal-importazzjoni ta' l-annimali tal-ifrat u tal-majjali u ta' laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], u partikolarment l-Artikoli 6(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' l-annimali, s-semen, l-ova u embrijoni li ma humiex suġġetti għall-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali kif stabbiliti fir-regoli tal-Komunità referuti fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE [2], u partikolarment l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 17, il-paragrafu [3], 18(1) u 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tistabbilixxi li l-importazzjoni ta' l-annimali ungulati ta'speċje apparti minn dawk referuti fid-Direttivi 64/432/KEE (3), 90/426/KEE [4], u 91/68/KEE [5] ġġandha tkun permissibbli biss minn dawk il-pajjiżi terzi li huma nklużi fil-lista mħejjija bi qbil ma l-Artikolu 17.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [6] li tħejji lista ta' pajjiżi terzi ta' minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti annimali ħajjin, tistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali u pubblika u dawk veterinarji għall-importazzjoni ta' dawn l-anniamli, u tipprovdi għal perijodu ta' residenza fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni ta' aktar minn sitt xhur.

(3) Bħala riżultat ta' spezzjoni veterenarji mill-Kummissjoni fi Saint Pierre u Miquelon, is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali tidher li hija taħt kontroll sodisfaċenti tas-servizzi veterinarju uffiċjali u, partikolarment, id-disponabbiltà ta' stazzjoni ta' kwarantina tippermetti importazzjoni mingħajr riskju fi Saint Pierre u Miquelon ta' ċerti annimali.

(4) Il-faċilitajiet tal-istazzjon tal-kwarantina fi Saint Pierre u Miquelon jippermettu għar-residenza ta' ċerti tipi ta' annimali ingulati tal-ispeċje apparti minn dawk refereuti fid-Direttivi 64/432/KEE, 90/426/KEE u 91/68/KEE.

(5) Għalhekk huwa xieraq li tkun stabbilita lista tal-ispeċje ta' l-annimali u l-kondizzjonijiet speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-animali għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin b'konformità mas-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali ġewwa Saint Pierre u Miquelon.

(6) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha għalhekk tkun emendata sabiex tippermetti l-importazzjoni ta' annimali tal-ispeċje referuti fid-Direttivi 72/462/KEE u 92/65/KEE u partikolarment il-*camelidae* minn Saint Pierre u Miquelon u li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet meħtieġa.

(7) Fl-1 ta' Mejju 2004, l-10 Stati ta' l-Adeżjoni huma mistennija li jsiru membri sħaħ tal-Komunità Ewropea u r-regoli tal-Komunità ikunu applikabbli lilhom. B'segwiment ta' l-adeżjoni tagħhom, dawn il-pajjiżi isiru mbagħar parti mis-suq intern u huma għandhom għalhekk ikunu mħassra mil-lista ta' pajjiżi terzi kif stabbilita fid-Deċiżjoni 79/542/KEE.

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

[2] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 52; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1398/2003 (ĠU L 198, tas-6.8.2003, p. 3).

[3] ĠU L 121, tas-27.7.1964, p. 1977; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 8).

[4] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[5] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[6] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/372/KE (ĠU L 118, tat-23.4.2004, p. 45).

(8) Ir-restrizzjonijiet għall-Bulgarija li jikkonċernaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali bovini, ovini u kaprini b'relazzjoni mal-marda tal-ilsien kaħlani kienu tneħħew bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/845/KE [1].

(9) Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' reġjuni stabbilita bid-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tkun emendata kif xieraq.

(10) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u tas-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/EC huwa emendat kif ġej:

1. il-lista tal-pajjiżi terzi fil-Parti 1 hija mindula bil-lista fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

   (a) fil-lista ta' "Mudelli", il-kitba li ġejja hija miżjuda fit-tmiem:

   "CAM: Mudell ta' attestazzjoni speċifika għall-annimali importati minn St Pierre et Miquelon permezz tal-kondizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-Parti 4 ta' l-Anness I."

   (b) Il-"Model RUM" huwa mibdul bil-mudell fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

   (ċ) Il-mudell ta' l-attestazzjoni speċifika fl-Anness III ta' din id-Dċiżjoni huwa miżjud mal-mudell "SUI".

3. It-test fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni huwa miżjud bħala il-Parti 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004.

Artikolu 3

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 321, tas-6.12.2003, p. 61.

ANNESS I

"ANNESS I

ANNIMALI ĦAJJIN

Parti 1

Lista ta' pajjiżi terzi jew pertijiet minnhom [1]

Pajjiż	Kodiċi tat-territorju	Deskrizzjoni tar-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
BG - Il-Bulgarija	BG-0	Il-pajjiż kollu			VI
	BG-1	Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, Sofia distric, Sofia city, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Sliven, Starazagora, Vratza, Montana u Vidin	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y	A.	
CA - Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	POR-X		IVb IX
	CA-1	Il-pajjiż kollu apparti milli r-raġjun tal-Wied ta' Okanagan fil-Britsh Columbia li huwa deskritt kif ġej: — Mill-punt fuq il-fruntiera ta' bejn il-Kanad u l-Istati Uniti 120° 15' longitude, 49° latitudini; — Għat-tramuntana tal-punt 119° 35' lonġitudini, 50° 30' latitudini; — Għall-grigal mill-punt 119° lonġitudini, 50° 45' latitudini; għal nofs-in-nhar tal-punt mill-fruntiera ta' bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 118° 15' lonġitudini, 49° latitudini	BOV-X, OVI-X, OVI-Y	A.	
CH - L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, OVI-X, OVI-Y, RUM		
			POR-X, POR-Y, SUI	B	
CL - Il-Chili	CL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		
			POR-X, SUI	B	
CY – Il-Cipru [2]	CY-	Il-pajjiż kollu	POR-X, POR-Y	B	

Pajjiż	Kodiċi tat-territorju	Deskrizzjoni tar-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
CZ - Ir-Repubblika Ċeka (2)	CZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y,RUM, OVI-X, OVI-Y POR-X, POR-Y		IVa V
EE - L-Estonja (2)	EE-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-Y		
GL - Il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		V
HR - Il-Kroatzja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		
HU: - L-Ungerija (2)	HU-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		V
			POR-X, POR-Y	B	
IS - L-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		I
			POR-X, POR-Y	B	
LT - Il-Litwanja (2)	LT-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, OVI-Y, RUM		
LV - Il-Latvja (2)	LV-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, OVI-Y, RUM		
MT – Malta (2)	MT-0	Il-pajjiż kollu	RUM, OVI-X, OVI-Y		
NZ - In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, POR-X, POR-Y, OVI-X, OVI-Y		I
PL - Il-Polonja (2)	PL-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		
PM - St Pierre Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y CAM		
RO - Ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		V
SI – Is-Slovenja (2)	SI-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-Y		
SK – L-Islovakkja (2)	SK-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		V

(1) Minghajr preġudizzju għall-ħtiġiet speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni kif hemm provvediment dwarhom f'xi ftehim relevanti rtal-Komunità mal-pajjiżi.
(2) Applikabbli biss sakemm dan l-Istat li sejjer jissieħeb isir Stat Membru tal-Komunità.

ANNESS II

RUM

1. Konsenjant (isem u indirizz shih)

.....

.....

.....

.....

2. Konsinnatarju (isem u indirizz shih)

.....

.....

.....

.....

.....

5. Destinazzjoni ntiża ta' l-annimali

5.1. Stat Membru tal-UE: .....

5.2. L-isem u l-indirizz tal-fabbrika fotografika tad-destinazzjoni:

.....

.....

.....

.....

.....

7. Mezzi tat-trasport u l-identifikazzjoni tal-konsenja (4)

.....

7.1. (Trakk, Vagun tal-ferrovija, Vapur jew Ajruplan) (5):

.....

7.2. Numru(i) tar-reġistrazzjoni, l-isem tal-vapur, jew in-numru tat-titjira:

.....

.....

.....

7.3. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-konsenja (6):

.....

.....

.....

.....

CERTIFIKAT VETERINARJU

għall-annimali mhux domestiċi (1) **apparti milli s-Suidae, intiża għall-konsennja lejn il-Komunità Ewropea**

Numru (2) ORIĠINAL

3. Oriġini ta' l-annimali (3)

3.1. Pajjiż: .....

3.2. Kodiċi tat-territorju: .....

4. Awtorità Kompetenti

4.1. Ministeru: .....

4.2. Servizz: .....

.....

4.3. Livell lokali/reġjonali: .....

.....

.....

.....

6. Stabbeliment ta' fejn l-annimali huwa mghobbija ghall-esportazzjoni

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

8. Identifikazzjoni ta' l-annimali u tat-testijiet

8.1. Speċje ta' l-annimali..... *(Speċje singola ta' l-annimali)* .....

8.2. Identifikazzjoni individwali ta' l-annimali inklużi f'din il-komnsenja (7)

Numri tal-identifikazzjoni Uffiċjali (7)	Età u sess (8)	Testijiet (5) (9)

8.3 Numru totali ta' l-annimali (b'numri u kliem):

9.	**Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika**
	Jiena, li hawn taht iffermajt, beterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:
9.1.	ġejjin minn qasam li kien ilu hieles minn kwalunkwe ghamla ta' projbizzjoni uffiċjali minhabba raġunijiet tas-saħħa, ghal mill-anqas 42 jum fil-każ tal-bruċelloži u t-tuberkoliži, ghal mill-anqas 30 jum fil-każ tat-traċna, ghal mill-anqas sitt xhur fil-każ tal-marda tar-rabja, u, ma kienux f'kuntatt ma annimali minn oqsma li ma jissodisfawx dawn il-kondizzjonijiet;
9.2.	ma kienux irċevew: — xi sustanzi tas-stilbene jew tirostatiċi, — sustanzi ostroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-argonisti ghal skopijiet apparti milli terapewtiċi jew trattament żotekniku (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE)
10.	**Attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali**
	Jiena, li hawn taht iffermajt, beterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq jilhqu dawn il-htiet li ġejjin:
10.1.	huma ġejjin m it-territorju bil-kodiċi: …….. [3], li, sal-jum tal-hruġ ta' dan iċ-ċertifikat: (a) kien heiles ghal 24 xahar mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ghal 12 il-xahar mir-rinderpest, l- ilsien kahlani, id-deni tal-wied Rift, il-plewropnewmonja kontaġġjuża tal-bovini, il-marda tal- ġilda bl-infafet, il-*peste de petits ruminants*, il-ġidri tan-naghaġ u l-ġidri tal-moghoż, il- plewropnewmonja kontaġġjuża tal-kaprini u l-marda emorraġika epiżotika u ghal 6 xhur mis- stomatiti vesikulari, u (b) fejn, matul l-ahhar 12 il-xahar, l-ebda vaċċinazzjoni ma kienet twettqet kontra dawn il-mard u li l-importazzjoni ta' l-annimali tad-difer maqsum li jkunu ġew imlaqqma kontra dan il-mard, mhix permissibbli;
10.2.	dawna kienu baqghu
jew	fit-territorji deskritt taht il-punt 10.1 sa mit-twelid, jew ghal mill-anqas sitt xhur qabel il-konsenja lejn il-Komunità Ewropea u minghajr kuntatt ma l-annimali tad-difer maqsum importati f'dan it- territorju fil-perijodu ta' anqas minn sitt xhur;
inkella	*fil-pajjiż tal-konsenja ghal mill-anqas 60 jum sa mid-dhul, jekk huma annimali tal-ispeċje relevanti elenkati fl-Anness IV, il-Parti 4 tas-Deċiżjoni 79/542/KEE u li kienu ġew importati direttament skond il-kondizzjonijiet speċifikati ghal kull speċje fl-Anness IV, il-Parti 4 tad-Deċiżjoni 79/542/KEE minn pajjiż terz matul perijodu ta' anqas minn sitt xhur qabel l- imbarkazzjoni lejn il-Komunità Ewropea u li fi kwalunkwe każ kienu separati minn annimali oħrajn li ma humiex ta' l-istess stat ta' saħħa wara li kienu rilaxxati fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni u qabel l-esportazzjoni lejn il-UE [10].*
10.3.	kienu baqghu sa mit-twelid jew ghall-anqas 40 jum qabel il-konsenja fil-qasam/stabbeliment [5] deskritt fil-punt 6; (a) fi, u fid-dintorni ta' żona b'raġġ ta' 150 km, li fiha ma kien hemm l-ebda każ/skoppjar tal- marda tal-ilsien kahlani jew ta' l-emorroġija epiżotika matul il-100 jum preċedenti. (b) fi, u fid-dintorni ta' żona b'raġġ ta' 20 km, li fiha ma kien hemm l-ebda każ/skoppjar tal- mard imsemmi taht il-punt 10.1, matul l-40 jum preċedenti.
10.4.	ma humiex annimali li ghandhom ikunu maqtula permezz ta' program nazzjonali ghall- eradikazzjoni ta' mard, l-anqas ma kienu mlaqqma kontra kwalunkwe mill-mard imsemmi fil- punt 10.1, u li:
[5] [11] *jew*	(ġejjin minn merhla li hija rikonoxxuta bhala uffiċjalement hielsa mit-tuberkoliži, u)
[5] [12] *inkella*	(kienu ġew suġġetti ghal tuberculin intradermali matul l-ahhar 30 jum, b'riżultati negattivi, u)
	li ma kienux ġew imlaqqma kontrol l-bruċelloži u li dawn:
[5] [11] *jew*	(ġejjin minn merhla li hija rikonoxxuta bhala uffiċjalement hielsa mit-tuberkoliži;)
[5] [12] *inkella*	(ma kienux ġew suġġetti ghat-test ta' l-agglomerazzjoni tas-serum li juru ghadd tal-bruiċella ta' [5] anqas minn 30 IU ta' agglomerazzjoni kull ml, matul l-ahhar 30 jum)
[5] *inkella*	(huma maskili kastrati ta' kwalunkwe età)

10.5.	li skond it-tagġrif li għandi u tad-dikjarazzjoni bil-miktub magħmulha mis-sid, l-annimali:
	(a) ma humiex ġejjin minn oqsma/stabbelimenti (5), u ma kienux f'kuntatt ma annimali minn qasam, li fih dan il-mard li ġej kien klinikament iddikjarat:
	(i) agalktja kontaġġjuża tan-naghaġ u l-moghoż, (Mikoplażma agalactiae, Mikoplażma capricolum, Mikoplażma mycoides var, mycoides 'kolonja kbira'), matul l-ahhar sitt xhur,
	(ii) patatuberkoloži u limfadentiti kasseja, matul l-ahhar 12 il-xahar,
	(iii) adenomatjoži pulmonarja, matul l-aħħar tl;ett snin, u
	(iv) Maedi/Visna jew artrite virali kaprina/enċefaliti,
(5) *jew*	(matul l-aħħar tlett snin.)
(5) *inkella*	(matul l-aħħar 12 il-xahar, u li l-annimali infettati kollha kienu ġew maqtula u l- kumplament ta' l-annimali, sussegwentament, kellhom reazzjoni negattiva għal-żewġ testijiet imwettqa fi spazju ta' mill-anqas sitt xhur minn xulxin,)
	(b) huma inklużi fis-sistema uffiċjali għan-notifika ta' dawn il-mard, u
	(c) kienu hilesa minn evidenza klinika jew evidenza ohra tat-tuberkoloži u l-bruċelloži matul it- tlett ta' qabel l-esportazzjoni;
10.6.	kienu ikkonsenjati mill-qasam deskritt taht il-punt 6 direttament lejn il-Komunità Ewropea, sakemm saret il-konsenja lejn il-Komunità Ewropea:
	(a) ma ġewx f'kuntatt ma annimali ohra tar-razzez maqsum li ma jkunux konformi mill-anqas ma l-istess ħtiġiet tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u
	(b) ma kienux f'xi lokalità ta' fejn, li fil-madwar taghha, b'raġġ ta' 20 km, matul il-perijodi preċedenti ta' 30 jum, ma kien hemm l-pebda każ/skoppjar ta' xi mard minn dak imsemmi taht il-punt 10.1:
10.7.	kwalunkwe vetturi jew kontenituri tat-trasport li fihom kienu mghobbija, kienu mnaddfa u disinfettati qabel it-taghbija, b'disinfettant uffiċjalment awtorizzat;
10.8.	kienu ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali matul l-ahhar 24 siegha qabel it-taghbija ma kienu wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;
10.9.	kienu ġew mghobbija ghall-kunsenja lejn il-Komunità Ewropea nhar il- …….. (13) fil-mezz tat-trasport deskritt taht il-punt 7 ta' hawn fuq li kienu ġew imnaddfa u disinfettati qabel it-taghbija b'disinfettant uffiċjalment approvat u li huma kemm kostruwiti li l-ħmieġ, l-awrina, it-tiben jew l-ghalf ma jkunx jista jinxtered jew jaqa 'l barra mill-vettura jew mill- kontenitur matul it-trasportazzjoni.
11.	**Attestazzjoni tat-trasport ta' l-annimali**
	Jiena, li hawn taht iffermajt, beterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq kienu ġew ittrattati, qabel u fil-waqt tat-taghbija, b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-ghoti ta' l- ilma tax-xorn u ta' l-ghalf, u li huma adatti ghat-trasport intiż.
(5) (14) [**12.**	**Ħtiġiet speċifiċi**
	12.1. Skond l-informazzjoni uffiċjali, l-ebda evidenza klinika jew patoloġika ta' l-infezzjoni tat-rinotraċiti bovina (IBR) ma kienet irraportata fil-qasam/stabbeliment (5) ta' l-oriġini referut fil-punt 6, għal mill-anqas 12 il-xahar.
	12.2. l-annimali referuti fil-punt 8:
	(a) kienu ġew iżolati f'akkommodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjetament wabel il-konsennja għall-esportazzjoni, u
	(b) kienu ġew suġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq is-sera miġbura matul l-aħħar 21 jum qabel id-dħul fl-iżolament, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl- iżolazzjoni kellhom ukollhom riżultati negattivi għal dan it-test, u
	(c) ma kienux ġew imlaqqma kontra il-IBR;
	(5) [*12.3. ..... aktar ħtiġiet u/jew testijiet ....*]]

(5) *jew* (matul l-aħħar tlett snin.)

(5) *inkella* (matul l-aħħar 12 il-xahar, u li l-annimali infettati kollha kienu ġew maqtula u l- kumplament ta' l-annimali, sussegwentament, kellhom reazzjoni negattiva għal-żewġ testijiet imwettqa fi spazju ta' mill-anqas sitt xhur minn xulxin,)

(b) huma inklużi fis-sistema uffiċjali għan-notifika ta' dawn il-mard, u

(c) kienu hilesa minn evidenza klinika jew evidenza ohra tat-tuberkoloži u l-bruċelloži matul it- tlett ta' qabel l-esportazzjoni;

10.6. kienu ikkonsenjati mill-qasam deskritt taht il-punt 6 direttament lejn il-Komunità Ewropea, sakemm saret il-konsenja lejn il-Komunità Ewropea:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma annimali ohra tar-razzez maqsum li ma jkunux konformi mill-anqas ma l-istess ħtiġiet tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u

(b) ma kienux f'xi lokalità ta' fejn, li fil-madwar taghha, b'raġġ ta' 20 km, matul il-perijodi preċedenti ta' 30 jum, ma kien hemm l-pebda każ/skoppjar ta' xi mard minn dak imsemmi taht il-punt 10.1:

10.7. kwalunkwe vetturi jew kontenituri tat-trasport li fihom kienu mghobbija, kienu mnaddfa u disinfettati qabel it-taghbija, b'disinfettant uffiċjalment awtorizzat;

10.8. kienu ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali matul l-ahhar 24 siegha qabel it-taghbija ma kienu wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

10.9. kienu ġew mghobbija ghall-kunsenja lejn il-Komunità Ewropea nhar il- …….. (13) fil-mezz tat-trasport deskritt taht il-punt 7 ta' hawn fuq li kienu ġew imnaddfa u disinfettati qabel it-taghbija b'disinfettant uffiċjalment approvat u li huma kemm kostruwiti li l-ħmieġ, l-awrina, it-tiben jew l-ghalf ma jkunx jista jinxtered jew jaqa 'l barra mill-vettura jew mill- kontenitur matul it-trasportazzjoni.

11. Attestazzjoni tat-trasport ta' l-annimali

Jiena, li hawn taht iffermajt, beterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq kienu ġew ittrattati, qabel u fil-waqt tat-taghbija, b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-ghoti ta' l- ilma tax-xorn u ta' l-ghalf, u li huma adatti ghat-trasport intiż.

(5) (14) [**12. Ħtiġiet speċifiċi**

12.1. Skond l-informazzjoni uffiċjali, l-ebda evidenza klinika jew patoloġika ta' l-infezzjoni tat-rinotraċiti bovina (IBR) ma kienet irraportata fil-qasam/stabbeliment (5) ta' l-oriġini referut fil-punt 6, għal mill-anqas 12 il-xahar.

12.2. l-annimali referuti fil-punt 8:

(a) kienu ġew iżolati f'akkommodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjetament wabel il-konsennja għall-esportazzjoni, u

(b) kienu ġew suġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq is-sera miġbura matul l-aħħar 21 jum qabel id-dħul fl-iżolament, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl- iżolazzjoni kellhom ukollhom riżultati negattivi għal dan it-test, u

(c) ma kienux ġew imlaqqma kontra il-IBR;

(5) [*12.3. ..... aktar ħtiġiet u/jew testijiet ....*]]

Timbru u firma uffiċjali

Maghmul ..... fi nhar il- .....

.....

(firma tal-veterinarju uffiċjali)

(Timbru)

.....

(isem f'ittri kbar, kwalifiki, titolu)

Noti

(1) Annimali ħajjin tat-taxa Proboscidea u Artiodactyla (eskluži Suidae, Bos Taurus, babulus babulis, Ovis aries, u Capra hircus),

Wara l-importazzjoni, l-annimali għandhom ikunu meħuda minghajr dewmien lejn il-qasam tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perijodu minumu ta' 30 jum qabel aktar aktar ċaqlieq il-barra mill-qasam, apparti milli fil-każ ta' konsenja lejn biċċerija.

(2) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

(3) Il-pajjiż u l-kodiċi tat-territorju kid jidhru fil-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif l-aħħar emendata)

(4) In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-vapur għandhom ikunu għandhom ikunu moghtija kif applikabbli. Jekk magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajrupan

(5) Żomm kif xieraq.

(6) Imla jekk applikabbli.

(7) L-annimali għandhom ikollhom:

(a) numru ndividwali li jippermetti l-intraċċar tal-qasam ta' l-oriġini. Għandha tkun speċifikata s-sistema l-identifikazzjoni (i.e. siġill, tattoo, marka, *chip*, *transponder*) u l-post anatomiku użat fl-annimal.

(b) tikketta fil-widna li tinkludi l-koċi ISO tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni.

(8) L-età (xhur), Sess (M = maskili, F = femminili, C = kastrat).

(9) testijiet li jistgħu jitwettqu fuq l-annimal matul it-30 jum ta' qabel il-konsenja għall-esportazzjoni, Uża kif applikabbli, il-kodiċi li jidhru fil-Parti 3.C ta' dan l-Anness I li jidentifikaw il-mard, li jkunusaru testijiet dwaru b'konformità mal-protikolli ta' din il-Parti 3.C jew bl-użu tat-testijiet għal dak il-mard kif mitlub mill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

(10) F'dan il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun akkumpanjat bid-dokument uffiċjali dwar il-kondixxjonijiet tal-kwarantina u t-testijiet fl-Anness I, il-Parti 1 tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (il-mudell "CAM")

(11) Reġjuni uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži/bruċelloži jew merħliet rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE u li jidhru fil-kolonna 4 tal-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif l-aħħar emendata), bil-kitba "VII", f'dak li jirrigwardja t-tuberkoloži; "VIII", f'dak li jirrigwardja l-bruċelloži.

(12) Testijiet imwettqa skond il-protokolli li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 3.C ta' dan l- l-Anness I. B'dana t-test tat-tuberculin bħala riżultat ta' żidea fil-ħxuna tal-ġilda ta' 2 mm jew aktar, jew sinjali kliniċi bħal ma huma l-oederma, essudazzjoni, nekroži, uġieh u/jew infjammazzjoni, għandhom ikunu meqjusa bħala pożittivi.

(13) Id-data tat-tagħbija. L-importazzjoni ta' dawn l-annimali m'għandhiex tkun permissibbli meta dawn l-annimali kienu mgħobbija jew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il- Komunità Ewropea tat-teritorju msemmi taħt (3), jew matul perijodu meta miżuri aktar ristrettivi jkunu ġew adotti mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjoni ta' dawk l-annimali minn dan it- territorju.

(14) Meta meħtieġ mill-Istat Membru UE tad-destinazzjoni.'

ANNESS III

'Attestazzjoni speċifika tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali fil-kwarantina fi St. Pierre u Miquelon qabel l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropa

CAM

1.	**Attestazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kwarantina**
	Jiena, li hawn taħt iffirmajt, veterinarju uffiċjali, hawnhekk niċċertifika, li l-annimali (1) deskritti fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali (2) numru ……. Rilaxxati nhar il-……. kienu rilaxxati minn ……. (data tad-dhul) (3) fl-istazzjoni tal-kwarantina ta' St. Pierre u Miquelon skond il- kondizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Anness IV, il-Parti 4 tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għall-perijodu ta' ……. jiem qabel ma jkunu rilaxxati għall-esportazzjoni lejn il- UE u matul dan il-perijodu kienu ġew suġġetti għat-testijiet li ġejjin (4), imwettqa minn laboratorju approvat fi ħdan il-Komunità Ewropea b'riżultat negattiv (5).
	1.2. BRUZELLOŻI:
	(a) B.*abortus*: SAT u RBT fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum
	(b) B.*ovis*: CFT fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum
	(c) B.*melitensis*: SAT u RBT fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum
	1.3. IL-MARDA TAL-ILSIEN KAĦLANI u L-EMORROLOĠIJA EPIŻOTIKA
	jew
	iż-żewġ testijiet bl-użu tat-test kompetittiv Elisa tal-Ilsien Kaħlani fi żmien jumejn mill- wasla u wara mill-anqas 21 jum (6)
	inkella
	kienu fil-kwarantina għal aktar minn 100 jum u matul dak il-perijodu l-istazzjon tal- kwarantina kien baqa ħieles mill-vetturi tal-Ilsien Kaħlani (Kulliċojdi), u l-ebda evidenza ta' mard kliniku ma kienet misjuba (6).
	1.4. TUBERKOLOŻI
	iż-żewġ testijiet intradermali tat-tuberkulin skond l-Anness B tad-Direttiva 64/4342/KE bl- użu tat-tuberkulin bovin u avjan imwettaq fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum wara l-ewwel test.
	1.5. FMD:test ELISA għas-sejbien ta' l-antikorpi u t-test tan-newtralizzazzjoni tal-virus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.6. RINDERPEST: test kompetittiv ELISA fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.7. STOMATITI VESIKULARI: ELISA jew test tan-newtralizzazzjoni tal-virus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.8. Id-Deni tal-Wied Rift: ELISA jew test tan-newtralizzazzjoni tal-virus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.9. IL-MARDA TA' L-INFAFET TAL-ĠILDA: ELISA jew test tan-newtralizzazzjoni tal-virus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.10. ID-DENI EMORROLOĠIKU KONGO-KRIMEA: ELISA jew test VN fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.11. SURRA: mikroskopija tad-demm fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-anqas 42 jum.
	1.12. DENI KATTARRALI MALINJU: IMMUNOFLORIXXENZA: test fi żmien jumejn mill- wasla u wara mill-anqas 42 jum
2.	**GARANZIJI SUPPLEMENTARI**
	2.1. LEWKOŻI BOVINA: Test AGID jew ELISA: fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill- anqas 42 jum (Meta meħtieġ mill-Istat Membru UE tad-destinazzjoni) (6)
3.	**TRATTAMENTI**
	Dawn kienu ġew suġġetti għal
	3.1. trattament antiparassitiku estern u intern matul il-perijodu tal-kwarantina
	3.2. jew
	— trattament bis-streptomiċin 25 mg/kg (6)
	— jew trattament antibiotiku effettiv kontra l-Leptospira ssp. (speċifika ……. mg/kg …….) (6)
	3.3. vaċċinazzjoni kontra l-marda tar-rabbja (jekk meħtieġa) nhar il-……. (jj/xx/ss) bl-użu tal-vaċċina ……. (tip, manifattur ulott) bir-riżultat tat-test ……. (6)

Timbru u firma uffiċjali

Magħmul ..... fi nhar il- .....

(Timbru)

.....

(firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....

(isem f'ittri kbar, kwalifiki, titolu)

Noti bħala gwida:

(1) Annimali ħajjin tal-familja *Camelidae*

(2) Ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għal annimali mhux-domestiċi apprti milli *Suidae*, ikkonsenjati lejn il-Komunità Ewropea (il-mudell "RUM") kif stabbilit fl-Anness I, il-Parti 2, tad-Deċiżjoni tal- Kunsill 79/542/KEE.

(3) Data li fiha l-aħħar animal tal-grupp ikun daħal fil-faċilità tal-kwarantina.

(4) Test imwettaq skond il-metodi deskritti fil-Punt 1.1 tal-Kapitolu 2, il-Parti 4 tad-Deċiżjoni tal- Kunsill 79/542/KEE.

(5) Ir-riżultati tat-testijiet imwettqa għandhom ikunu mhemuża ma l-oriġinal ta' din l-attestazzjoni tas-saħħa.

(6) Ħassar kif applikabbli.

NB. Il-proċeduri tal-kampjunar u tat-testijiet għandhom ikunu aggruppati kemm jista jkun possibbli waqtli jkunu irrispettati l-intervalli minimi sabiex ikun evitat tqandil eċċessiv u l-manipulazzjoni ta' l-annimali.

ANNESS IV

"Parti 4

Taxon		
ORDNI	FAMILJA	ĠENJU U SPECode en erreur: 8eVJE
Artiodactila	Camelidae	Camelus ssp., Lama ssp., Vicugna ssp.

Speċje ta' l-annimali

Kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni

u l-kwarantina għas-saħħa ta' l-annimali dwar l-annimali importati fi St Pierre u Miquelon matul peridjou ta' anqas minn sitt xhur qabel l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea.

Il-Kapitolu 1

Residenza u kwarantina

1. L-annimali importati fi St Pierre u Miquelon għandhom jabitaw fi stazzjoni awtorizzat tal-kwarantina għal perijodu minimu ta' 60 jum li jippreċedu l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea. Dan il-perijodu jista jkun miżjud minħabba l-ħtiġiet tal-ittestjar għal speċje individwali. B'żieda ma dan, l-annimali għandhom ikunu konformi ma dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

   (a) Konsenji separati jistgħu jidħlu fl-istazzjoni tal-kwarantina. B'dana kollu, mad-dħul fl-istazzjon tal-kwarantina, l-annimali kollha ta' l-istess spċje għandhom ikunu meqjusa bħal grupp singolu, u referuti bħala tali. Il-perijodu tal-kwarantina għandu jubda għall-grupp kollu fil-waqt ta' meta l-aħħar annimal ikun daħal fil-faċilità.

   (b) Ġewwa l-istazzjon tal-kwarantina, kull grupp speċifiku ta' l-annimali għandu jinżamm f'iżolazzjoni, mingħajr l-ebda kuntatt, dirett jew inderett, ma xi annimali oħrajn, inklużi dawk minn konsenji oħrajn li jistgħu ikunu preżenti. Kull konsenja għandha tinżamm fi stazzjoni approvat tal-kwarantina u protetta minn insetti vetturi.

   (ċ) Jekk, matul il-perijodu tal-kwarantina, l-iżolament ta' l-annimali ma jkunx inżamm u kuntatt iseħħ ma annimali oħrajn, il-kwarantika tkun meqjusa bħala nulla u bla saħħam u l-grupp għandu ħerġa bibda mill-ġdid il-perijodu tal-kwarantina ta' l-istess perijodu ta' żmien kif inizjalment preskritt mad-dħul fl-istazzjoni tal-kwarantina.

   (d) l-annimali għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, li jgħaddu mill-istazzjoni tal-kwarantina, għandhom ikunu mgħobbija u ikkonsenjati direttament lejn il-Komunità Ewropea:

      (i) mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma xi annimali apparti milli l-annimali li jwettqu l-kondizzjonijiet tas-saħħa kif stabbiliti għall-importazzjoni tal-kategorija relevanti ta' dak l-annimal għal ġewwa l-Komunità Ewropea;

      (ii) segregati f'konsenji ħekk li l-ebda konsenja ma tkun jista jkollha kuntatt ma l-annimali li ma humiex eleiġibbli għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea;

      (iii) f'vetturi jew kontenituri tat-trasport li l-ewwel nett ikunu ġew imnaddfa u disinfettati b'disinfettant uffiċjalment awtorizzat fi St. Pierre u Miquelon bħala effettiv għal kontroll tal-mard imsemmi fil-Kapitolu II hawn taħt u li huma ħekk mibnija li l-ħmieġ, l-urina, it-tiben jew il-għalf ma jkunux jistgħu jixterdu jew jaqgħu il-barra mill-vettura matul it-trasport.

2. Il-bini tal-kwarantina għandu mill-anqas jilħaq in-normi minimi kif stabbili fl-Anness B tad-Direttiva 91/496/KEE, u dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) għandu jkun taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali.

   (b) għandu jkun lokalizzat fiċ-ċentru ta' żona b'diametru ta' 20 km li fiha, skond is-sejbiet uffiċjali, li għal mill-anqas 30 jum qabel l-użu tiegħu bħala stazzjon tal-kwarantina, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

   (ċ) li dan għandu, qabel ma jkun użat bħala stazzjon tal-kwarantina, ikun imnaddaf u disinfettat b'disinfettant awtorizzat fi St. Pierra et Miquelon bħala effettiv fil-kontroll tal-mard imsemmi fil-Kapitolu II.

   (d) ikunu operati, billi tkun meqjusa l-kapaċità tiegħu għaż-żamma ta' l-annimali:

      (i) bħala faċilità dedikata esklussivament għal dan l-iskop, inklużi kmamar adekwati u ta' standard adatt għall-annimali;

      (ii) faċilitajiet xierqa, li

         — huma faċli li jkunu mnaddfa kompletament u disinfettati,

         — jinkludi faċilitajiet għa-tagħbija u l-ħatt mingħajr perikolu,

         — jistgħu iwettqu l-ħtiġiet kollha għall-provediment ta' l-ilma tax-xorb u ta' l-għalf lill-annimali,

         — jippermetti kwalunkwe trattament veterinarju meħtieġ sabiex ikun amministrat mingħajr tbagħtija;

(iii) faċilitajiet xierqa għall-ispezzjoni u l-iżolazzjoni;

(iv) apparat xieraq għat-tindif u d-disinfettar tal-kmamar u tal-vetturi tat-trasport;

(v) spazju xieraq għall-ħażna ta' l-għalf, tiben u demel;

(vi) sistema xierqa għall-ġbita ta' l-ilma tal-iskart;

(vii) uffiċċju għall-veterinarju uffiċjali.

(e) waqt l-operat, ikun hemm numru suffiċjenti ta' veterinarji sabiex iwettqu id-doveri kollha tagħhom,

(f) dawn għandhom jaċċettaw biss annimaali li huma individwalment identifikati hekk li jiggarantixxu traċċabbilità. Għal dan il-għan, meta l-annimali jkunu aċċettati, il-pardun jew il-persuna inkarigata mill-istazzjoni tal-kwarantina għandu jassigura li l-annimali jkunu identifikati sewwa u akkumpanjati bid-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikati tas-saħħa għall-ispeċje u l-kategoriji involuti. Aktar minn hekk, din il-persuna għandha ddaħħal f'reġistru jew f'*database*, li għandhom jinżammu għal mill-anqas 3 snin, l-isem tas-sid, l-oriġini, id-data tad-dħul u tal-ħruġ, in-numru u l-identifikazzjoni ta' l-annimali, u d-destinazzjoni tagħhom,

(g) l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-proċedura għas-superviżjoni uffiċjali tal-istazzjoni tal-kwarantina u għandha tassigura li tali superviżjoni tkun imwettqa; din is-superviżjoni għandha tinkludi spezzjonijiet regolari sabiex ikun aċċertat li l-ħtiġiet għall-approvazzjoni jibqgħu li jkunu mwettqa. Fil-każ ta' nuqqas jew sospenzjoni, l-approvazzjoni tista terġa tkun mogħtija meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-bini tal-kwarantina ikun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet kollha imsemmija hawn fuq.

Il-Kapitolu 2

Testijiet tas-saħħa ta' l-annimali

1. **Ħtiġiet ġenerali**

L-annimali għandhom ikunu suġġetti għal dawn it-testijiet li ġejjin li għandhom jitwettqu fuq kampjuni taddemm meħud, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, mhux aktar kmieni minn 21 jum minn wara l-bidu talperijodu ta' l-iżolament. It-testijiet tal-laboratorju għandhom jitwettqu ġewwa laboratorju approvat fil-Komunità Ewropea u t-testijiet tal-loboratorju kollha u r-riżultati tagħhom, il-vaċċinazzjonijiet u t-trattamenti, għandhom ikunu nklużi maċ-ċertifikat tas-saħħa. Sabiex l-interventi fuq l-annimali jinżmmu għall-anqas possibbli, kampjunar, testijiet u xi vaċċinazzjoni għandhom ikunu aggruppati sa kemm dan ikun possibbli, waqt li jkunu rispettati l-intervalli minimi taż-żmien meħtieġa bil-protokolli tat-testijiet.

2. **Ħtiġiet speċifiċi**

2.1. *Kamelidi*

2.1.1. Tuberkuloż i

(a) It-test li għandu jkun użat: test kumparattiv ta' reazzjoni intradermali bl-użu tal-PPD Bovina u l-PPD Avjana li jkunu konformi man-normi għall-manifattura tat-tuberkulini bovini u avjani kif deskritti fl-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE. It-test għandu jkun imwettaq fuq iż-żona ta' wara l-ispalla (ir-reġjun assillari) skond it-teknina deskritta fl-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati fi żmien jumejn mill-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u wara 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Interpretazzjoni tat-testijiet:

ir-reazzjoni għandha tkun meqjusa bħala:

— negattiva jekk iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda tkun ta' anqas minn 2 mm,

— pożittiva jekk iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda tkun ta' aktar minn 4 mm,

— inklonklussiva je iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda tall-PPD bovina tkun bejn 2 mm u 4 mm, jew ta' aktar minn 4 mm imma anqas mir-rteazzjoni għall-PPD avjana.

(d) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet:

Jekk annimal jippreżenta riżultat pożittiv miħabba reazzjoni-interdermali għallPPD bovina, dan l-annimal għandu jkun eskluż mill-grupp u l-annimali l-oħrajn għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid f'perijodu li jibda mill-anqas 42 jum minn wara meta l-ewwel test pożittiv kien ġie amministrat: dan għandu jkun meqjus bħala l-ewwel test deskritt fi (b).

Jekk aktar minn an nimal wieħed fil-gruppjippreżenta riżultat pożittiv, il-grupp kollu għandu jkun miċħud għall-espoptazzjoni lejn il-KE.

Jekk wieħed jew aktar annimali ta' l-istess grupp jippreżenta reazzjoni mhux konklussiva, il-grupp kollu għamndu jkun ittestjat mill-ġdid wara l-perijodu ta' 42 jum, u dan ikun meqjus bħala l-ewwel test deskritt fi (b).

2.1.2. Bruċelloża.

(a) It-test li għandu jkun użat:

— B. Abortus: SAT u RBT kif deskritti rispettivament fil-punt 2.6 u (2.5) fl-Anness C tad-Direttiva 64/432/KEE. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, test tal-fissazzjoni Komplementari għandu jkun imwettaq għall-konferma.

— B. Melitensis: SAT u RBT kif deskritti rispettivament fil-punt 2.6 u 2.5 fl-Anness C tad-Direttiva 64/432/KEE. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, test ta' fissazzjoni Komplementari skond il-metodu deskritt fl-Anness C tad-Direttiva 91/68/KE għandu jkun imwettaq għall-konferma.

— B. Ovis: Test ta' fissazzjoni Komplementari kif deskritt fl-Anness D tad-Direttiva 91/68/KE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati fi żmien jumejn mill-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u wara 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Interpretazzjoni tat-testijiet:

Reazzjoni pożittiva għat-testijiet għandha tkun kif deskritta fl-Anness C tad-Direttiva 64/432/KEE.

(d) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet:

Annimali b'testijiet pożittivi għal wieħed mit-testijiet għandhom ikunu esklużi mill-grupp u l-annimali l-oħrajn għandhom ikunu ittestjati mill-ġdid ta' mill-anqas 42 jum wara li l-ewwel test pożittiv ikun ġie mwettaq: dan għandu jkun meqjus bħala l-ewwel test deskritt fi (b).

Biss dawk l-annimali b'test negattiv għaż-żewġ testijiet konmsekuttivi imwettqa kif deskritt fi (b) għandhom jiħallew li jkunu esportati lejn il-KE.

2.1.3. Il-Marda tal-Ilsien Kaħlani u ta' l-emorroġija epiżotika (EHD).

(a) It-test li għandu jkun użat: test AGID kif deskritt fil-Parti 3 (C) ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 79/542/KEE.

Fil-każ ta' reazzjoni pożittiva, l-annimali għandhom ikunu ittestjati bit-test ELISA Kompetittiv kif deskritt fil-Parti 3(C) ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE sabiex ikun hemm diskriminazzjoni bejn iż-żewġ mardiet.

(b) L-għażla taż-żmien:

L-annimali jeħtieġ li jkunu ittestjati b'riżultat negattiv għaż-żewġ testijiet: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 21 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet:

(i) L-ilsien kaħlani

jekk wieħed jew aktar annimali jkollhom testijiet pożittivi għall-ELISA kif deskritt fil-Parti 3 (C) ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE, l-annimal/annimali pożittivi għandhom ikunu esklużi mill-grupp, u l-kumpllament kollu tal-grupp għandu jkun imqiegħed fi kwarantina għal 100 jum li jindew mid-data li fiha il-kampjuni għat-test pożittiv kienu miġbura. Il-grupp jista biss ikun meqjus bħala ħieles mill-mard jew verifiki regolari mill-veterinarju uffiċjali matul iż-żmien tal-kwarantina jkun naqas milli jiżvela sintomi kliniċi tal-mard, u l-istazzjon tal-kwarantina jibqa ħieles mill-vetturi tal-Ilsien Kaħlani (Kuliċojdi).

Jekk annimal ieħor jippreżenta sintomi kliniċi tal-marda matul il-perijodu tal-kwarantina kif deskritt hawn fuq, il-grupp kollu għandu jkun miċħud milli jkun esportat lejn il-KE.

(ii) Il-Marda ta' l-emorroġija epiżotika (EHD).

jekk wieħed jew aktar annimali b'test pożittiv jiżvela l-preżenza ta' antikorpi għall-virus EHD matul it-test konfirmatarju ELISA, l-annimal(i) għandu jkun meqjus bħala pożittiv u għandu jkun eskluż mill-grupp, u l-grupp kollu għandu jkun suġġett għal repetizzjoni tat-test li jibda mill-anqas wata 21 jum minn meta kien hemm id-dianjożi pożittiva inizzjali u għall-darba oħra mill-anqas 21 jum sussegwenti, it-tnejn b'riżultati negattivi. Jekk xi annimali oħrtajn ikollhom testijiet pożittivu matul ir-repetizzjoni tat-testijiet, il-grupp kollu għandu jkun miċħud mill-espostazzjoni lejn il-KE.

2.1.4. Il-marda tal-lsien u d-dwiefer (FMD)

(a) It-test li għandu jkun użat: Testijiet dianjostiċi (probang u seroloġiku) bl-użu tat-tekniki ELISA u NV skond il-protokolli deskritti fil-Parti 3 (C) ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali jeħtieġ li jkunu ittestjati b'riżultat negattiv għaż-żewġ testijiet: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal ikollu test pożittiv għall-virus FMD, allura l-annimali preżenti fl-istazzjoni tal-kwarantina ma jkunux meqjusa bħala eliġibbli għad-dħul fil-KE.

Nota: Kwalunkwe sejba ta' l-antikorpi għal proteini strutturali jew mhux strutturali tal-virus FMD għandu jkun meqjus bħala riżultat ta' infezzjoni preċedenti ta' FMD, irrispettivament mill-istatus tal-vaċċinazzjoni.

2.1.5. Rinderpest

(a) It-test li għandu jkun użat: It-test kompetittiv ELISA kif deskritt fil-manwal OIE huwa t-taest preskritt għall-kummerċ internazzjonali u huwa test b'għażla. Test tan-newtralizzazzjoni tas-serum, jew testijiet rikonoxxuti oħrajn b'konformità mal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwal OIE, jistgħu ukoll ikunu wżati.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal ikollu test pożittiv għall-virus Rinderpest, allura l-annimali preżenti fl-istazzjoni tal-kwarantina ma jkunux meqjusa bħala eliġibbli għad-dħul fil-KE.

2.1.6. Stomatiti vesikulari

(a) It-test li għandu jkun użat: ELISA, Test tan-newtralizzazzjoni tal-virus, jew testijiet rikonoxxuti oħrajn b'konformità mal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwal OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal ikollu test pożittiv għall-virus Stomatiti Vesikulari, allura l-annimali preżenti fl-istazzjoni tal-kwarantina ma jkunux meqjusa bħala eliġibbli għad-dħul fil-KE.

2.1.7. Id-Deni tal-Wied Rift

(a) It-test li għandu jkun użat: ELISA, test tan-newtralizzazzjoni tal-virus, jew testijiet rikonoxxuti oħrajn b'konformità mal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwal OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal ikollu test pożittiv għall-virus tal-Marda tal-Wied Rift, allura l-annimali preżenti fl-istazzjoni tal-kwarantina ma jkunux meqjusa bħala eliġibbli għad-dħul fil-KE.

2.1.8. Marda tal-infafet tal-ġilda

(a) It-test li għandu jkun użat: Seroloġija bl-użu ta' ELISA, test tan-newtralizzazzjoni tal-virus, jew testijiet rikonoxxuti oħrajn b'konformità mal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwal OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal juri evidenza ta' l-esposizzjoni għall-Marda tal-Infafet tal-Ġilda, il-grupp kollu għandu jkun miċħul milli jkun esportat lejn il-KE.

2.1.9. Deni emorroġiku Kongo-Krimea

(a) It-test li għandu jkun użat: ELISA, test tan-newtralizzazzjoni tal-virus, test ta' l-immunoflorixxenza jew xi test rikonoxxut ieħor.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: jekk xi annimal juri evidenza ta' esposizzjoni għall-aġent tad-deni Ħemorraġiku Kongo-Krimea, allura l-annimal għandu jkun eskluż mill-grupp.

2.1.10. Surra (Trypanosoma evansi)

(a) It-test li għandu jkun użat: L-aġent parasitiku jista jkun identifikat fil-kampjunu konċentrati tad-demm b'konformità mal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwal OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk T. Evansi jkun misjub f'xi annimal, allura daak l-annimal għandu jkun eskluż mill-grupp. Il-kumplament tal-grupp għandu jgħaddi minn trattament antiparassitiku intern u estern bl-użu ta' aġenti xierqa li huma effettivi kontra il-T. Evansi.

2.1.11. Deni katarrali malignanti

(a) It-test li għandu jkun użat: Is-sejbien tad-DNA virali huwa l-metodu preferut, ibbażat fuq l-identifikazzjoni bl-immunoflorixxenti jew immunoċitokemistrija bl-użu tal-protokolli deskritti fis-sezzjonijiet relevanti tal-manwall OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: Jekk xi annimal juri evidenza ta' l-esposizzjoni għall-MCF, il-grupp kollu għandu jkun miċħul milli jkun esportat lejn il-KE.

2.1.12. Ir-Rabja

Vaċċinazzjoni: Il-vaċċinazzjoni kontra l-marda tar-rabja tista tkun imwettqa f'ċerti każi u kampjun tad-demm ta' l-annimali u t-test tas-seerum tan-newtralizzazzjoni għall-antikorpi għandu jkun imwettaq.

2.1.13. Lewkoża bovina. (biss fil-każ ta' l-annimali li huma destinati lejn reġjun ħieles)

(a) It-test li għandu jkun użat: AGID, jew l-imblokkar ELISA, b'komformità mal-protokolli deskritti fil-manwall OIE.

(b) L-għażla taż-żmien: l-annimali għandhom ikunu ittestjati darbtejn: l-ewwel matul jumejn mill-wara l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-kwarantina u t-tieni wara mill-anqas 42 jum mill-ewwel test.

(ċ) Għażliet għall-azzjoni wara t-testijiet: annimali b'testijiet pożittivi għal wieħed mit-testijiet għandhom ikunu eskluži mill-grupp u l-annimali l-oħrajn għandhom ikunu ittestjati mill-ġdid ta' mill-anqas 21 jum wara li l-ewwel test pożittiv ikun ġie mwettaq: dan għandu jkun meqjus bħala l-ewwel test deskritt fi (b).

Biss dawk l-annimali b'test negattiv għaż-żewġ testijiet konsekuttivi imwettqa kif deskritt fi (b) għandhom jiħallew li jkunu esportati lejn il-KE."